# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 006

**It-Tlieta, 6 ta' Awissu, 2019**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Maria Mifsud ( MM) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala ( CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal- Pubbliku: | (3) |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI**
Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ppresjeda

## Minuti

## 6.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

6.1.1 Ma kienx hemm.

## 6.2 Kunsiderazzjonu u approvazzjoni tal-Minuti;

6.2.1 Il-Minuti tas-seduta numru 3 tat-tmien legislatura kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

6.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Josette Busuttil ssekondata mis-Sa. Doriana Portelli, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

6.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

6.2.4 Il-Minuti tas-seduta numru 4 tat-tmien legislatura kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

6.2.5 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Maria Mifsud ssekondata mis-Sur Carlo Stivala, il-minuti ġew approvati b'sitt voti favur u astensjoni wahda. Is-Sur Alexander Caruana sahaq illi kien astjena peress illi ma kienx prezenti ghas-seduta u ghaldaqstant ma setax jikkonferma dak li kien gie diskuss.

6.2.6 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

6.2.7 Il-Minuti tas-seduta numru 5 tat-tmien legislatura kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

6.2.8 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Scott Camilleri ssekondata mis-Sur Joseph Baldacchino, il-minuti ġew approvati b'sitt voti favur u astensjoni wahda. Is-Sur Alexander Caruana sahaq illi kien astjena peress illi ma kienx prezenti ghas-seduta u ghaldaqstant ma setax jikkonferma dak li kien gie diskuss.

6.2.9 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 6.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

6.3.1 Is-Sindku sahaq illi ma kellux komunikazzjonijiet partikolari x'jghaddi lill-Kunsill Lokali ghaliex flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien kostantement jinforma lill-Kunsilliera b'dak li kien ikun ghaddej kwotidjanament fil-Kunsill Lokali. Huwa zied jghid illi madanakollu, xtaq jigbed l-attenzjoni dwar l-andament tal-Kunsill Lokali u t-thassib tieghu rigward il-fatt illi ma kienx hemm l-armonija li kien jixtieq. Is-Sur Farrugia sahaq illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali ma kienx miexi fir-rotta t-tajba u filwaqt li ta' ezempji sabiex jissostanzja l-argumenti tieghu heggeg lill-Kunsilliera sabiex ikunu aktar konxji tar-responsabilitajiet li kellhom.

## 6.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

6.4.1 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa lis-Sindku dwar eventwali zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti li kienet inharget ghaz-zamma u manutenzjoni ta' soft areas fil-lokalita'.
Is-Sindku informal ill-Kunsillier Zammit illi kien ghaddej il-process bil-ghan illi jigi ffirmat kuntratt mal-kuntrattur il-gdid.

6.4.2 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lis-Sindku jekk setax isir xi intervent bil-ghan illi tigi ratifikata problema ta' rwejjah u ilma qieghed li kien qieghed ikun hemm f'parti mill-bajja s-sabiha.
Is-Sindku spjega kif permezz tal-haddiema assenjati kien ser ikun qieghed jiehu hsieb illi ssir trinka bil-ghan illi l-ilma jibqa' niezel fil-bahar.

6.4.3 Is-Sa. Maria Mifsud tablet lis-Sindku informazzjoni dwar problema li kien hemm fi Triq il-Ghirghien
Is-Sur Farrugia spjega lil dawk prezenti is-sitwazzjoni fl-imsemmija triq inkluz il-kwantita' konsiderevoli ta' skart li kien qieghed jigi mormi b'mod abuziv regolarment.

6.4.4 Is-Sa. Maria Mifsud sahqet li kien qieghed ikun hemm diversi problemi b'konnessjoni ma' ilma li kien qieghed jintefa' fil-bahar mill-operatur tal-istabbiliment district 5. Is-Sa. Mifsud sahqet li dwar il-materja kien sar rapport lill-Awtorita' tar-Rizorsi u l-Ambjent.
Is-Sindku filwaqt li kkonferma dak li kienet allegat is-Sa. Mifsud informa lill-Kunsilliera prezenti illi s-sitwazzjoni kienet qieghda tigi osservata b'reqqa bil-ghan illi tittiehed azzjoni kemm il-darba jkun hemm il-htiega.

6.4.5 Is-Sa. Maria Mifsud staqsiet lis-Sindku dwar il-possibilita' illi fil-lokalita' tizdied il-kwantita' ta' litter bins.
Is-Sur Farrugia heggeg lis-Sa. Mifsud tahdem fuq il-materja flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv u tigbor stimi bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun jista' jiddiskuti f'aktar dettall.

6.4.6 Is-Sa. Maria Mifsud infurmat lill-Kunsilliera bi problem kostanti ta' rimi illegali li kien qeighed ikun hemm madwar diversi bring-in-sites fil-lokalita'.
Filwaqt illi qabel mas-Sa. Mifsud is-Sindku informa lill-Kunsill Lokal bl-obbligu ta' GreenPAK illi jzommu madwar il-bring-in-sites nadif.

6.4.7 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv dwar eventwali zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni ma' automatic barriers li l-Kunsill Lokali kien qieghed jahseb li jimplimenta fil-lokalita'.
Is-Segretarju Ezekuttiv informal ill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem fuq il-materja.

6.4.8 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv dwar eventwali zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni ma' proposta ta' caqliq ta' bus stops fi Triq San Patrizju. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-materja kienet ser tigi diskussa aktar tard matul l-istess seduta.

6.4.9 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku x'seta' jsir b'konnessjoni ma' problemi li kien qieghed johloq dog litter bin li kien hemm fi Triq Santa Katerina.
Is-Sur Farrugia informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jaghti struzzjonijiet lill-Contracts Manager bil-ghan illi s-sitwazzjoni tigi ratifikata.

6.4.10 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku dwar diversi problem ta' dhahen li kienu qieghdin jidhru b'konnessjoni mal-operat tal-freeport u l-operat ta' diversi fabbriki fil-konfini tal-lokalita'.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-kunsilliera Maria Mifsud, responsabbli mill-ambjent kienet qieghda regolarment taghmel rapporti kull meta jidhol kaz ghand il-kunsill Lokali.

6.4.11 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku jevalwa l-possibilita' illi fil-bajja s-sabiha ikun hemm bandli ghall-kbar.
Is-Sindku informa lis-Sa. Busuttil illi l-materja kellha tigi diskussa f'aktar dettall.

6.4.12 Is-Sur Scott Camilleri staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk id-data tracker mal-kennies kienx beda jahdem u fil-kaz li kien qieghed jahdem jekk kienx hemm titjib u jekk sarux xi rapporti.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi d-data tracker kien inxtara u gie mghoddi lill-kuntrattur. Is-Sur Hall sahaq illi kien ghadu kmieni biex wiehed jasal ghall-konkluzjonijiet peress li s-sistema kienet ilha tiffunzjoni biss ghal ftit granet.

6.4.13 Is-Sur Scott Camilleri staqsa " Rigward il-ftuh tal-latrina pubblika, jekk jerga jiehu works order is-Sur Charles Fenech dak ikun ifisser li tinhareg audit point fuqha imbaghad tispjega fir-rapport tal-ahhar tas-sena bhala segretarju".
Is-Segretarju Ezekuttiv wara li spjega s-sitwazzjoni tal-latrini pubblici, informal ill-Kunsil Lokali illi s-Sur Charles Fenech, minhabba ragunijiet legali ma setax jinghata aktar xoghol b'direct order.

## 6.5 Rapporti;

6.5.1 Is-sindku pprezenta fuq il-mejda rapport imhejji mill-perit tal-Kunsill Lokali rigwardil-kwalita' ta' xoghol li kien sar fi Triq il-Brolli b'konnessjoni ma progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja li l-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga kien qieghed jimplimenta. Wara li gie moqri u diskuss l-imsemmi rapport, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera present illi kellha tinzamm laqgha bejn il-partijiet kkoncernati bil-ghan illi jigu rrangati nuqqasijiet li kien elenka l-perit fir-rapport tieghu, liema nuqqasijiet wasslu biex l-istess perit ma jiccertifikax ix-xogholijiet bhala soddisfacenti.

F'dan l-istadju is-Sindku talab lill-Kunsill Lokali jiskuzah milli jkompli s-seduta minhabba ragunijiet personali. Wara li l-Kunsill Lokali b'mod unanimu skuza lis-Sindku, il-Vici-Sindku, is-Sur Scott Camilleri ha post is-Sindku u ppresjieda s-seduta. (19:27)

6.5.2 Il-Kunsillier Stanley Zammit ta lill-Kunsill Lokali rapport dwar laqgha li kellu mas-Superintendent u l-ispettur tal-ghassa ta’ Birzebbuga. Is-Sur Zammit spjega kif fost l-ohrajn kie gie diskuss monitoragg aktar strett permezz ta’ rondi aktar frekwenti madwar il-lokalita’ kif ukoll servizzi li l-pulizija setghu possibilment joffru permezz tal-kavallerija, *Segways* u s-sezzjoni tal-klieb tal-istess korp.

6.5.3 Il-Vici-Sindku pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali tliet stimi li kienu ingabru bil-ghan illi l-kuntrattur maghzul ikun jista’ jiehu hsieb jiftah u jnaddaf il-latrini pubblici tal-lokalita’ b’mod temporanju ( sakemm tinhareg u tigi aggudikata sejha ghall-offerti). Wara li ta’ spjegazzjoni tas-sitwazzjoni is-Sur Camilleri informa lill-mejda illi peress illi wiehed mill-kuntratturi kien qarib tieghu, huwa kien qieghed jiddikjara illi kellu kunflitt ta’ interess u ghaldaqstant kien ser iqum minn mal-mejda u johrog mill-kamra tas-seduta (19:47).

F’dan l-istadju il-Kunsilliera Josette Busuttil hadet post is-Sur Camilleri (19:47) u ppresjediet is-seduta. Wara li flimkien mal-Kunsilliera prezenti ddiskutiet il-kwotazzjonijiet li kienu waslu, is-Sa. Busuttil ipproponiet illi x-xoghol imsemmi jinqasam bejn zewg kuntratturi peress illi t-tnejn kienu offrew li jaghmlu x-xoghol ghall-prezz ta’ mija u hdax il-ewro. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sa. Busuttil.

Wara li giet diskussa l-materja, is-Sur Scott Camilleri dahal lura fil-kamra tas-seduta u kompla jippresjedi. (19:55)

6.5.4 Il-Vici-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:
- Il-Kunsillier Alexander Caruana kellu jiehu hsieb problema relatata mat-trasport pubbliku li kien hemm fi Triq il-Gandoffla.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi wara konsultazzjoni li kien hemm kien qieghed jigi prospost illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tinghata tahrig sabiex toffri s-servizz ta’ servizzi socjali lir-residenti. Gie stabbilit illi r-rizorsi prezenti ma kienux jippermettu illi l-amministrazzjoni tqatta’ parti mill-hin taghha toffri s-servizz ta’ assistenza lir-resdenti f’materji relatati ma’ sigurta’ socjali.
- Giet diskussa korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva b’konnessjoni ma’ Bring-in-sites li kien hemm fi Triq in-Noqra.
- Kien hemm qbil illi kellha tigi approvata attivita’ fil-bajja ta’ San Gorg, liema attivita’ kien ser ikollha attendenza ta’ madwar 120 ruh.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’talba ghal spostjar ta’ post riservat minn Triq Santa Katerina ghal Triq Zaren Dalli.
- Inqrat korrispondenza li permezz taghha B’Buga AAC/ Luqa AAC rigward ic-centru tal-anzjani ta’ Birzebbuga.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’korrispondenza li kienet intbaghtet mill-Kunsillier Stanley Zammit b’konnessjoni ma’ tismija tat-toroq.

## 6.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

6.6.1 Il-Viċi-Sindku Scott Camilleri ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 08/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

6.6.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Baldacchino ssekondata mill-Kunsillier Carlo Stivala, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

6.6.3 Il-Viċi-Sindku Scott Camilleri ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Lulju 2019 bir-riferenza 7/2019 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

6.6.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Alex Caruana u ssekondata mill-Kunsillier Stanley Zammit, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament

## 6.7 Mozzjonijiet

6.7.1 Mozzjoni Numru 01/2019

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali jixtri 10 pjanti simili ghal dawk li xtrajna ghall-promenade tal-Qajjenza biex jithawwlu f'pots li sfortunatament spiccaw vojta ghax il-pjanti li kellhom mietu. Dawn ghandhom jitpoggew biswit l-ghassa u fl-inhawi tal-pjazza.*
*Bhala prezz jiswew madwar 100 ewro il-wahda*

Proponent : Alexander Caruana
Sekondant : Stanley Zammit

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti.

## 6.8 Traffiku u Parkegg

6.8.1 Is-Sur Alexander Caruana ddiskuta flimkien mal-Kunsill Lokali sitwazzjoni li kien hemm fi Triq il-batterija.

6.8.2 Is-Sur Stanley Zammit spjega u ddiskuta flimkien mal-Kunsilliera prezenti s-sitwazzjoni ta' Triq iz-Zurrieq u pedestrian crossing fiz-zona tal-Qajjenza.

## 6.9 Applikazzjonijiet ghal zvilupp

6.9.1 Ma kienx hemm applikazzjonijiet li kienu jinhtiegu diskussjoni u decizjoni mill-Kunsill Lokali .

## 6.10 Street Lighting

6.10.1 Is-Sur Carlo Stivala ghadda lill-Kunsill Lokali dettalji dwar problema li kien hemm fl-istreet lighting ta’ Triq Dwardu. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informal ill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni kienet ser tkun qieghda tiehu hsieb illi s-sitwazzjoni tigi ratifikata.

6.10.2 Wara li s-Sur Stanley Zammit spjega s-sitwazzjoni, gie deciz illi kellha titwahhal lampa gdida quddiem fond li kien jinsab fi Triq Dicembru 13.

## 6.11 Attivitajiet

6.11.1 Il-Kunsillier Carlo Stivala informal ill-Kunsill Lokali illi kiem qieghed jahdem bil-ghan illi tittella’ edizzjoni ohra tar-regatta fil-port ta’ Birzebbuga, liema attivita’ kienet ser tkun qieghda tigi parzjalment iffinanzjata mill-iskema ta’ fondi ghal attivitajiet kulturali mnehdija mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali. L-attivita’, li kienet ser tittella matul Settembru 2019 kienet giet imfassla u kienu ser jibdew jingabru l-istimi minghand il-fornituri

6.11.2 Il-Kunsilliera Josette Baldacchino ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji tal-attivita’ li kien qieghed jigi ppjanat li tittella’ nhar l-24 ta’ Awissu 2019 fil-lokalita’. L-attivita’ li kienet tikkonsisti f’Karnival tas-Sajf kienet qieghda tittella’ b’kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali ta’ Birzebbuga u Festivals Malta. Is-Sa. Busuttil sahqet illi l-preparamenti ghall-attivita’ kienu waslu fi stadju avvanzat u kien hemm imhejji programm li kellu jigbed bosta individwi lejn il-lokalita’.

6.11.3 Is-Sa. Josette Busuttil informat lill-Kunsill Lokali illi kienet bdiet tahdem fuq Jum Birzebbuga 2019. Wara li ghaddiet dettalji tal-attivita’ li kienet qieghda thejji, is-Sa. Busuttil sahqet li kienet qieghda tipproponi li l-Kunsill Lokali jadotta s-sistema tas-snin precedenti bil-ghan illi fl-2019 wkoll jinghata *Gieh Birzebbuga* u numru ta’ rikonoxximenti. Wara li l-Kunsill Lokali qabel mal-proposta tas-Sa. Busuttil, il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-bord li kien ser ikun qieghed jiddiskuti min kellu jiehu Gieh Birzebbuga kellu jkun kompost mis-Sindku, Deputat Segretarju Ezekuttiv, u tliet individwi ohra fosthom l-istess Sa. Busuttil

F’dan l-istadju il-Kunsillier Carlo Stivala halla s-seduta ( 20:30 )

Is-Sur Alexander Caruana ressaq mozzjoni sabiex minkejja li kienu ghaddew tliet sieghat mill-bidu tas-seduta din tkun tista’ titkompla billi jigi estiz il-hin skont l-att dwar il-Gvern Lokali (Kap 363). Il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Stanley Zammit u ghaddiet b’votazzjoni unanima.

6.11.4 Is-Sa. Busuttil ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji dwar proposta ta’ attivita’ li kienet ser tkun qieghda tittella’ mic-Chinese Cultural Centre fiz-zona tal-Qajjenza matul Settembru 2019. Is-Sa. Busuttil ziedet tghid illi dwar il-materja kienet inzammet laqgha ma’ rapprezentati tal-istess Chinese Cultural Centre u kienet ser tkun qieghda tghaddi dettalji aktar ‘il quddiem peress illi d-diskussjonijiet kienu ghadhom fi stadju preliminari.

6.11.5 Il-Kunsilliera Josette Busuttil ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji dwar l-attivita' 90's End of Summer Weekend li kien qiegħed jigi propost li tittella' fiz-zona tal-Bajja s-Sabiha. Wara li l-Kunsill Lokali qabel fil-principju mal-attivita', is-Sa. Busuttil sahqet li kienet ser tkompli tikkorrispondi mal-organizzaturi u l-kumpanija li kienet qieghda tipproponi li ttella' l-attivita' u tghaddi d-dettalji lill-Kunsill Lokali.

## 6.12 Offerti Pubblici u Kuntratti.

6.12.1 Wara li l-Vici-Sindku gharraf lill-Kunsilliera b'dettalji li kienu diga' gew mghoddija aktar kmieni waqt l-istess seduta rigward is-sitwazzjoni tal-latrini pubblici, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid bil-kundizzjonijiet specifici tas-sejha jibqghu dawk li kien hemm fid-dokument li kien diga' gie ppublikat fis-sejha precedenti.

## 6.13 Progetti u xogholijiet

6.13.1 Il-Kunsillier Alexander Caruana qal illi fl-opinjoni tieghu, fis-seduta segwenti il-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti hedging li kien hemm fiz-zona tal-bajja s-sabiha. Wara li gie stabbilit illi s-Sindku kien qieghed jahdem fuq il-materja, kien hemm qbil unanumu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tal-Kunsillier Caruana.

6.13.2 Il-Kunsillier Alexander Caruana semma kif b'konnessjoni ma' festoon li kien inxtara mill-Kunsill Lokali kien jinthieg illi jinxtraw 250 bozza li kienu jiswew hames mitt ewro. Is-Sur Caruana sahaq illi l-amministrazzjoni kienet gabret tliet stimi ghall-materjal imsemmi. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza msemmija u jixtri il-bozoz.

6.13.3 Is-Sur Alexander Caruana semma fondi li l-Kunsill Lokali kellu disponibbli permezz tal-agenzija LESA u sahaq illi fl-opinjoni tieghu dawn kellhom jintuzaw sabiex isir bust. Kien hemm qbil fil-principju illi l-Kunsilli Lokali kellu jahdem fuq il-proposta li kien ressaq il-Kunsillier Caruana.

6.13.4 Il-Kunsilliera Doriana Portelli sahqet illi fl-opinjoni taghha fi playing field li kien hemm biswit l-iskola primarja kellu jkun hemm bandla li kellha tkun accessibbli ghall-uzu ta' persuni li juzaw is-siggu tar-roti. Wara li s-Sa. Portelli informat lill-Kunsill Lokali bi stima li kienet gabret, il-Kunsill Lokali filwaqt li qabel mal-proposta, iddecieda illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti peress illi l-istess bandla ma setghetx tinxtara b'mod dirett skont il-proceduri tal-akkwist.

6.13.5 Is-Sur Stanley Zammit spjega lill-Kunsill Lokali b'hidma li kien qieghed iwettaq bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jissottometti applikazzjonijiet u jikseb fondi minn zewg mizuri li kienu gew imnehdija mill-Fondazzjoni GALXLOKK.

## 6.14 Mili ta' postijiet vakanti

6.14.1 Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej il-process sabiex il-Kunsill Lokali jingaggja skrivana gdida. Is-Sur Camilleri informal ill-Kunsill Lokali illi l-bord mahtur mill-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jaghmel l-intervisti lill-applikanti nhar it-3 ta' Settembru 2019.

6.14.2 Il-Vici-Sindku illi kien ghaddej il-process sabiex il-Kunsill Lokali jingaggja Segretarju Ezekuttiv gdid. Is-Sur Camilleri informa lill-Kunsill Lokali illi s-sejha ghall-kandidati prospettivi kienet miftuha u kien qieghed jigi ppjanat illi l-kandidati eligibbli jigu mghajta ghal intervista nhar it-3 ta' Settembru 2019.

## 6.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss

6.15.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-9:15 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2019 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 9 ta' Settembru, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ________________ |
| Joseph Farrugia | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |